# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ
**L-AKKADEMJA TAL-MALTI**

SETTEMBRU
**1976**

---

***EDITORJAL:***

## ĦARSA LURA

*Ma tantx inħobbu nħarsu lura, aktarx nagħżlu li nħarsu 'l quddiem u nippjanaw ix-xogħol li jidhrilna meħtieġ biex jitwettqu l-għanjijiet ta' l-Akkademja. Imma kultant jaqbel li wieħed, bla ma jieqaf fl-isforzi tiegħu fil-mixja 'l quddiem, jagħti ħarsa lura ħalli jara kemm wettaq u kemm le minn dak li kellu fi ħsiebu li jagħmel. Għal dan il-għan kien li l-Akkademja ħarset lejn "It-Tagħrif", li kienet ħarġet snin ilu u li fuqu nbniet l-ortografija ta' llum li tatna l-uniformità fil-kitba tal-Malti, u rat li jeħtieġ terġa' tfasslu fuq linji moderni, u barra li torqom dak li fih, iżżid miegħu dak li llum qed jinħass nieqes im-ħabba l-element romanz u dak anglosassonu li daħlu mal-mixja taż-żmien. Fuq hekk hi ħolqot kummissjoni biex tistħarreġ il-qagħda u wara li tisma' u tifli d-diffikultajiet li jiġuha minn diversi naħat tieħu x-xogħol meħtieġ fuq spallejha tar-reviżjoni. Għalhekk tlabna li kull min għandu xi kummenti x'jagħmel jibgħathom lis-segretarju.*

*Biex tħares il-jeddijiet tal-Malti, kif hu dmir tagħha fl-istatut, l-Akkademja xi 7 snin ilu bagħtet memorandum lill-partiti politiċi fuq il-qagħda tal-Malti (ippubblikat f'Il-Malti, 1970, p. 34) u dan l-aħħar meta l-gvern ippropona li jgħaddi liġi li jitfasslu xi liġijiet b'ilsien wieħed, hi bagħtet protesta qawwija u dinjituża ħalli dan ma jsirx.*

*Ma' l-interess għall-ortografija l-Akkademja ħasset il-ħtieġa li tieħu ħsieb il-letteratura tagħna u għalhekk għamlet serje ta' laqgħat kulturali għal dawn l-aħħar sentejn fejn laqqgħet l-awturi wiċċ imb'wiċċ mal-publiku. B'hekk hija tat iċ-ċans li jfissru ruħhom bil-kelma ħajja lill-pubbliku li għalih kitbu u lill-pubbliku tatu ċ-ċans li jkun jista' jgħarbel ruħ il-kittieb u s-sentimenti tiegħu u hekk isir kapaċi aktar li japprezzah. F'dawn il-laqgħat kemm il-pubbliku kemm l-awtur setgħu jaraw partijiet mill-kitba tagħhom maħduma fuq palk minn grupp ta' żgħażagħ f'sura ta" dramm jew mina. Dawn il-laqgħat tant ingħoġbu li hemm il-ħsieb li jibqgħu jsiru.*

*F'waħda minn dawn il-laqgħat kulturali hija stiednet 'il-Prof. Ġużè Aquilina biex ifisser il-fehmiet tiegħu fuq l-ortografija tal-Malti u d-diffikultajiet li qed tiltaqa' magħhom fil-preżent u li jeħtieġ ikunu mgħarbla mill-kummissjoni 'Tagħrif'. Wara hija għamlet laqgħa oħra barra mis-serje fejn is-sur Erin Serracino Inglott fisser il-fehma tiegħu.*

*Imma issa li qed iħasseb bis-sħiħ lill-Akkademja huwa problema ieħor ferm iktar serju dak li l-meżżi ta' komunikazzjoni kulma jmur qed iħassru u jgħawġu l-idjoma Maltija bla ħniena. Ma jistax ikun nibqgħu nisimgħu u naqraw il-Malti mgeżwer f'libsa barranija mkittfa u mġebbda li tisfigurah. Xi snin ilu l-Akkademja kienet għamlet seminar f'Mount St. Joseph il-Mosta għal dawk kollha li għandhom x'jaqsmu mal-ġurnali, mar-radju u mat-televisjoni u ddiskutiet magħhom x'jista' jsir biex il-ħsara ma tkomplix tikber u wriethom ir-responsabbiltà li għandhom fuq dan meta ħuma jiktbu jew jxandru. Dan l-aħħar reġgħet tambret fuq l-istess problema u ltaqgħet ma' l-awtoritajiet ta' Xandir Malta biex tara tinstabx soluzzjoni. Hadna pjaċir naraw li dawn huma mhejjija jilqgħu s-suġġerimenti tagħna u issa qed jinħadem pjan biex titjieb is-sitwazzjoni. L-istess għad trid tagħmel għall-ġurnaliżmu.*

*L-Akkademja ħasset ukoll il-ħtieġa li tiddefendi l-interessi ta' l-awtur Malti u ma tħallix li dan, wara li jkun ħela għaqlu fuq xogħlu, jaħli wkoll flusu u forsi jibqa' bla ebda sodisfazzjon. Għalhekk hija għamlet laqgħa speċjali għall-kittieba u ddiskutiet magħhom il-kundizzjonijiet għal kuntratt li wieħed għandu jagħmel meta jiġi biex jistampa xi xogħol letterarju. Dan għamlitu bla ebda ħsieb li torbot lil ħadd imma biss biex tagħti linji ġenerali.*

*Ftit ilu l-Akkademja għalqet ħamsa u ħamsin sena mit-twaqqif tagħha. Fuq ir-radju u t-televiżjoni xxandru xi programmi li juru ftit mill-ħidma u l-istorja tagħha matul dan iż-żmien. Matul dawn is-snin l-Akkademja kisbet esperjenza mhix żgħira u llum hija kapaċi tagħraf fejn huma il-ħtiġijiet ta' lsienna u l-letteratura tiegħu u lesta li twettaq dmirha lejhom. Illum l-Akkademja hi magħrufa bħala għaqda li tat il-linji u wriet it-triq mnejn wieħed għandu jgħaddi. Hija rat jinbtu madwarha għaqdiet oħra żgħar kollha mħeġġa biex igħinu lill-ilsien Malti u l-letteratura tiegħu. Dan kollu juri l-interess li l-Akkademja żergħet u xettlet u li biż-żmien xenxel għeruqu. Bir-raġun kollu llum l-Akkademja hi magħrufa bħala Istitut ta' Kultura Maltija.*

*Kien għalhekk li l-Akkademja insistit u tibqa' tinsisti b'ħilitha kollha biex hi jkollha post xieraq fejn bħala istitut kulturali tkun tista' twettaq l-attivitajiet tagħha. Għax hi tħoss, bħal ma għandu jħoss kull Malti u aktar u aktar min għandu s-setgħa f'idu, li l-Malti m'hu xejn inqas minn ilsna oħra. Dawn mhux biss f'arthom imma wkoll f'artna seħħilhom iwaqqfu istitut ta' kultura, waqt li l-Malti f'artu stess għad ma għandux.*

*Il-ħarsa li tajna lura mhix biex l-Akkademja tiftaħar kemm ħadmet imma biex tara x'wettqet u jekk wettqitx biżżejjed u x'tista' tkompli twettaq ħalli Malta jkun jixirqilha l-isem ta' nazzjon indipendenti bl-ilsien tiegħu u li jgħożżu daqs kemm igħożż lilu nnifsu.*